MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 36

31 ta` Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta neqsin ghaxra ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta` apologiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 35(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>**

36.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li rapprezenti mis-Segretarjat tal-Onorevoli Anthony Agius Decelis kellhom jigu jaraw l-Berga tal-Ingliterra li ser tiftah bhala Hub ghall-Anzjani fil-granet li gejjin. *(Minuti 35(07) 35.2.1)*

36.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt laqgha li saret mall-Onorevoli Silvio Parnis li ghaliha attendew l-istess Sindku u l-kunsillier Lawrence Attard, gew infurmati li bhalissa ghaddeja diskussjoni fil-parlament u li qed tigi ppreparata bye law dwar din is-sitwazzjoni. *(Minuti 35(07) 35.4)*

36.2.3 Is-Sur Attard spjega kien huwa tah l-applikazzjoni tal-*Ghoti mill-Gdid ta` Tarmak* lill-perit tal-Kunsill sabiex jiehu hsieb jaghmel l-applikazzjoni, imma sfortunatament gie mgharraf ili din l-inizjattiva waqfet. Is-Sur Boxall qal li mhux sewwa li jekk saru xi spejjez tal-perit, il-Kunsill mhux ser ihallas. Is-Sur Attard zied jghid li ghalissa din l-iskema giet sospiza u ma jafux meta ser terga tohrog. *(Minuti 35(07) 35.10.6)*

36.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jinghata ghajnuna finanzjarja lill-istess Kunsill sabiex jigu nstallati l-bicycle racks giet mibughta b`ittra registrata. *(Minuti 35(07) 35.10.8)*

36.2.5 Gie approvata unanimament il-kwotazzjoni sabiex issir Solar CCTV Camera fiz-zona tal-Fortini. *(Minuti 35(07) 35.10.9)*

36.2.6 Ghal laqgha li saret mall-Onorevoli Ministru Dr.Micheal Farrugia attendew is-Sindku - Sur Boxall u l-Kunsilliera, is-Sur Attard, is-Sur Zerafa. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt din il-laqgha huwa kompla jinsisti li ghandu jibda jkun hemm pulizija tal-lokal mqabbad mill-istess Kunsill u dan sabiex ikun hemm kontroll ahjar fil-lokalita. *(Minuti 35(07) 35.10.16)*

36.2.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kien hemm zball dwar il-call li harget tal-gbir ta` skart riciklabbli u dan ghal fatt li l-kuntratt kien ghad fadalu sena ohra. Ghal din il-call applikat kumpanija wahda u hija l-istess kumpanija li fil-prezent qed taghmel dan ix-xoghol. *(Minuti 35(07) 35.10.21)*

36.2.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva korrispondenza mis-Sindku tal-belt ta` Betlehem fejn gejna nfurmati li ma jistax jigi Malta fid-dati proponuti minhabba impenji ohra. Il-Kunsill qabel li tigi estiza l-vizita tieghu f`Malta. *(Minuti 35(07) 35.10.23)*

36.2.9 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-applikazzjoni tal-E-Bikes intbaghtet illum minn naha tal-Kunsill Lokali ta` Bormla. Is-Sur Boxall zied jghid li kull lokalita fil-Kottonera inkluz il-Kalkara ser jibbenifikaw minn zewg e-bikes go bay wahda. *(Minuti 35(074) 35.11.1)*

## 36.3 Jum il-Birgu 2017

Is-Sur Boxall talab lill-Vici Sindku,is-Sur Trevor Mizzi u lis-Sur Anton Gellel, il-kunsilliera repsonsabbli minn din l-attivita sabiex jinfurmaw lil dawk prezenti x`hemm imhejji ghal din l-okazzjoni. Is-Sur Mizzi spjega li ser tiehu sehem l-Inguardia u kif ukoll l-Scouts ta` Bormla. Ser jiehdu sehem it-tfal tal-lokal, fejn ser ikollhom xi poeziji u kitba letterarja li ser jaqraw matul ic-cerimonja. Is-Sur Boxall issugeriexa li jintramaw il-fustuni minn arblu ghall-iehor fil-pjazza. Matul din id-diskussjoni gie deciz li zghazagh Palmizi jiehdu hsieb ghat-tlugh u inzul tal-bandalori fil-pjazza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 36.11 CCTV Cameras fil-Pjazza tal-Birgu

Is-Sindku qal li zewg cameras ser jitwahhlu fil-postijiet indikati mill-Kunsill. Camera minnhom ser tehel bejn il-hanut l-Arlogg u l-Kazin tal-Banda ta` San Lawrenz u l-camera l-ohra fuq il-hanut Old Tommy`s Confectionery fil-pjazza. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsll ghandhu jinforma lir-residenti dwar dan u jwaggal il-tabelli neccessarji.

## 36.12 Korrispondenza

36.12.1 Ġie moqri rapport li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jingħata bidu għall-proċess sabiex issir il-ġemellaġġ mall-Belt ta` Vignanello fl-Italja. Is-Sur Boxall propona li dan il-ġemellaġġ għandu jsir u dan għal fatt li żewġ t`ibliet għandhom x`jibbenifkaw minn xulxin għal ġid tal-komunita rispettiva tagħhom. Għal dan il-proponiment issekonda l-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard u kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

36.12.2 Giet sottomessa l-applikazzjoni *"Local Government Culture Fund"* ghall-attivita tal-Birgufest 2018-2020.

36.12.3 Giet prezentata notifika li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat lill-resident li joghqod fi Triq Wenzu Dyer dwar l-iskart li gie mpoggi barra quddiem il-bieb tar-residenza tieghu.

36.12.4 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi dwar is-sitwazzjoni li tinsab fiha Triq Sally Port, fejn kellu jinbeda progett u li sa issa ghadu ma sar xejn. Il-Kunsill jixtieq u qed jitlob sabiex dan il-progett jibda u din it-triq ma tibqghax fl-istat ta` abandun li tinsab fih. Korrispondenza ohra relatata mall-istess suggett giet mibughta lill-Onorevoli Minsitru Ian Borg. Il-Kunsill qabbel unanimament li ghandha tintbghat korrispondenza biex issir laqgha mall-Ministru Borg fl-iqsar zmien possibli.

36.12.5 Gie prezentat il-permess tal-mwejjed u siggijiet li gie miksub mill-Kazin tal-Partit Laburista fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa kantuniera ma` Triq il-Lbic.

36.12.6 Giet moqrija stedina li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel lill-Onorevoli Silvio Parnis sabiex izzur l-ufficini amminstrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza.

36.12.7 Gie prezentat il-bilanc li l-Kunsill ghandu ghad-dispozzizjoni tieghu mill-fondi tal-UIF. Is-Sur Boxall spejga li minn dan l-ammont ta` 47,360.65 iridu jigu mnaqssa it-tnax – il bank li jammontaw ghall-€5,354.38 inc VAT u li l-Kunsill diga applika ghalihom u li qed jistenna l-approvazzjoni taghhom.

36.12.8 Mibughta korrispondenza lid-Direttur tar-Restoration Unit dwar il-main hole sfrondata li hemm biswiet dar nurmu 4 fi Triq it-Torri ta` San Gwann u dan ghal fatt li tinsab f`sitwazzjoni gravi u ta` periklu.

36.12.9 Il-Kunsill bghat korrispondenza lis-Sur Silvio Frendo minn naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn l-istess Kunsill wera l-interess tieghu sabiex issir il-gemellagg mall-belt ta` Beyoglu fit-Turkija.

36.12.10 Il-Kunsill ircieva l-minuti tal-laqgha numru 91/02, fejn is-Sindku rimarka issue mill-Minuti dwar il-haddiema tal-RSSL, fejn is-Sur Boxall nforma lill-President li dawk il-haddiema gew assenjati darba biss mall-Kunsill Lokali tal-Birgu.

36.12.11 Dwar Cirkulari AKL55/2017, is-Sindku wera l-opinjoni tieghju mall-President tal-Assoccjazzjoni dwar il-proposti li gew proponuti dwar l-iskemi tal-haddiema mall-Kunsilli Lokali. Is-Sur Boxall ghan-nom tal-Kunsill wera dizapprovazzjoni tieghu ghal dak propost, fejn tah rendikont ta` kif dawn il-haddiema qed jigu assenjati.

36.12.12 Giet prezentata l-ittra ta` *no objection* minn Transport Malta sabiex jigi installati *removable bollards* fi Triq Wenzu Dyer.

36.12.13 Gie prezentata c-Cirkulari 19/2017 dwar Streaming tal-Laqghat Online u Skema ta` Ghajnuna Finanzjarja ghas-servizz tal-Internet.

36.12.14 Mibughta diversi korrispondenzi dwar l-istat ta` Triq il-Kwartier, fejn ser ssir laqgha mad-Direttur tar-Restoration Unit flimkien mall-periti sabiex jintlahaq kompromess ta` x`jista jsir biex jigi eliminat kull inkonvenjent.

36.12.15 Mibughta ittra lis-Sur Joe Attard, CEO tal-kumpanija Green MT, fejn is-Sindku wera xewqa li l-inizjattiva li jaghmel il-Kunsill Lokali tal-Birgu fejn jiricikla diversi flixken tal-ilma u tal-hgieg biex jintuzaw ghall-Birgu By Candlelight, l-istess Kunsill ikun innominat ghall-Green Awards bhala inzijattiva tajba dwar ir-riciklagg.

36.12.16 Mibughta korrispondenza dwar Triq it-Torri ta` San Gwann dwar l-istat li tinsab fiha specjalment il-parti ta` isfel taghha, fejn qed tizloq hafna u qed tkun ta` periklu ghal kull min jghaddi minnha bil-mixi u kif ukoll bil-vettura.

36.12.17 Mibughta l-kwotazzjoni tal-installazzjoni tal-cable tal-airconditions ta` zewg ufficini fil-pjan ta` isfel u tal-airconditions li jinsabu fit-tieni sular. Din il-kwotazzjoni gie approvata unanimament.

36.12.18 Mibughta korrispondenza dwar l-inizjattiva ta` tindif tal-widien, fejn il-Kunsill bghat xi ritratti, site plan tal-wied li jinsab fi Triq San Dwardu kantuniera ma` Triq Giuseppi Decelis u li jaghmel parti mill-post maghruf bhala l-Glaziz.

36.12.19 Mibughta korrispondenza dwar Cirk AKL57/2017 Let`s Walk around Europe, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat lista ta` postijiet ta` interess fil-lokal flimkien ma` taghrif u ritratti.

36.12.20 Mibughta l-applikazzjoni dwar Cirkulari 21/2017 – Inizjattiva dwar Restawr ta` Postijiet Storici 2017, fejn ghal darb`ohra l-Kunsill rega` applika biex issir ir-restawr tal-faccati tal-Berga ta` Franza. Is-Sur Boxall qal li jittama li din is-sena dan il-progett ikun wiehed minn dawk ili jintghazlu.

36.12.21 Il-Kunsill rcieva sejha ghall-progett bl-isem *"Cross Over"* mill-Assoccjazzjoni ALDA taht l-Europe for Citizens programme, fejn il-Kunsill wera l-interess li jkun partner.

36.12.22 Mibughta korrispondenza dwar il-final steering commitee tal-progett LADDER li ser ssir gewwa Strasbourg bejn il-21 u 22 ta` Novembru 2017.

36.12.23 Il-Kunsill wera nteress li jkun partner fi progett taht Europe for Citizens programme dwar l-integrazzjoni.

36.12.24 Mibughta korrispondenza dwar l-press conference li ser ssir nhar it-Tlieta 10 ta` Ottubru 2017 tal-attivita tal-Birgufest 2017 li ghalija ser tkun mistiedna l-Eccelenza Taghha l-President ta` Malta.

36.12.25 Mibughta korrispondenza mill-belt ta` Vignanello dwar progett bl-isem To be Decided taht l-Europe for Citizens Programme – Town Twinning. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess li jkun imsieheb f`dan il-progett.

36.12.26 Mibughta l-applikazzjoni tal-Car Free Day li ser ssir nhar il-Hadd 17 ta` Settembru 2017.

36.12.27 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess fil-progett bl-isem Solida, fejn il-project leader huwa l-Kunsill ta` Gioiosca Ionica fl-Italja. Fost partners ohra hemm mill-belt ta` Novo Mesto fi Slovejna u mill-belt ta` Thessaloniki fil-Grecja.

36.12.18 Il-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Ghaqda Zghazagh Palmizi sabiex itellu attivita nhar il-Gimgha 29 ta` Settembru 2017 f`Couvre Porte. Il-Kunsill approva din it-talba u minghajr obligazzjoni ta` xi donazzjoni u din ghandha tghin lill-Ghaqda Zghazagh Palmizi sabiex ikomplu jahdmu bhal ma ghamlu f`dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Is-Sur Boxall kompla billi qal li jhossu ddispjacut b`certu kliem disprecattiv minn certu rapprezenti mill-istess ghaqda lejn il-Kunsill ta` din il-belt tal-Birgu.

## 36.13 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.13.1 Is-Sur Boxall propona sabiex jinxtraw il-bankijiet ta` Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur (Fuq is-Simenta) u l-bankijiet ta` Triq il-Foss tas-Sur ghax il-bankijiet li hemm fil-prezent m`ghadhomx tajbin. Is-Sur Boxall zied jghid li dawn il-bankijiet ghandhom issiru mill-flus tal-UIF u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 36.14 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.14 Is-Sur Zerafa propona li ssir u shape fejn toghqod is-Sinjura Slattery fi Pjazetta San Filippu u bollards fi Triq il-Mandragg peress li qeghdin jipparkjaw fil-kantuniera u wiehed ma jkunx jista` jdur bil-vettura.

## 36. 15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3657 u minn BOV 3660 – 3705 fejn cekk numru BOV 3619 gie kkancellat u cekk numru HSBC 9643. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 28 ta` Lulju 2017 sas-31 ta` Awwissu, 2017.

## 36.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-disgha neqsin ghoxrin ta` filghaxija (8:40pm) u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 37 li ser ssir nhar it-Tnejn 25 ta` Settembru, 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija.

Konfermati Il-Hamis 2 ta` Novembru 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |